# Il-Ħadd 23.02.2020

1. It-Tnejn 24/02:
    - Mid-9:00am sas-2:30pm – Ħarġa għall-Abbatini. Nitilqu minn fejn il-knisja.

2. L-Erbgħa 26/02, **l-Erbgħa tal-Irmied, il-bidu tar-RANDAN Imqaddes**:
   **Infakkru li matul dan il-jum hemm l-obbligu komuni għas-Sawm u l-Astinenza**:
   B'sawm għandna nifhmu ikla prinċipali fil-ġurnata, u b'astinenza nifhmu li wieħed:
    i) ma jiekolx laħam;
    ii) joqgħod lura minn xorb alkoħoliku;
    iii) ma jpejjipx;
    iv) irażżan l-infiq; u
    v) jiċċaħħad minn xi divertiment.
    Dan sabiex juża l-ħin aħjar ħalli jieħu ħsieb aktar ruħu, billi:
    i) jieħu sehem f'Quddiesa, jew jitlob il-*Via Sagra*;
    ii) jitlob aktar mal-familja, eż. ir-Rużarju;
    iii) jaqra l-Bibbja;
    iv) jagħti karità; u
    v) jżur lill-morda jew lill-anzjani li huma weħidhom.
    - Fis-6:00pm - *Via Sagra* (N.B. Matul ir-Randan, tintalab hawn fil-knisja kull nhar t'Erbgħa u Ġimgħa, minflokk ir-Rużarju.)
    - Fis-6:30pm - Quddiesa li fiha niċċelebraw ċ-ċentralità tas-salib f'dan iż-żmien speċjali għall-Knisja, kif ukoll it-tberik u t-tqegħid tal-Irmied, sinjal ta' indiema, konverżjoni, u penitenza. Inħeġġeġ lil kulħadd biex jieħu sehem ħalli permezz ta' din il-quddiesa nibdew ir-Randan flimkien.

3. Avviżi oħra:
    - Il-Programm tat-Tberik tal-Familji (li ser nibdewh mit-Tnejn 02/03) tistgħu ssibuh fuq in-Notice Boards taz-zuntier, fuq il-website u l-facebook tal-parroċċa, u fuq karta li ser titqassam mal-'Flimkien' ta' Marzu.

4. Avviżi tal-Kunsill Lokali:
    - Kull *household* hija ntitolata għal 2 pakketti boroż bojod tal-iskart organiku u dawn jistgħu jinġabru milll-Kunsill, filwaqt li tiġi ppreżentata l-karta tal-identità.
    - Il-librerija tal-kunsill issa tinsab miftuħa mill-ġdid. Għall-jiem u l-ħinijiet tal-ftuħ tistgħu ċċemplu l-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:
    - € 210 minn ħarġa li kellna din il-ġimgħa.
    - € 25 bħala donazzjonijiet għall-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
    Grazzi mill-qalb.